TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 79/12-F

**Carmel Edward Cassar**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija, u sitta w tletin ewro (€336), rappreżentanti 400 minuta *free talk time* fix-xahar li kienu parti mill-pakkett.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa abbona s-servizz tal-GO illi kellu 400 minuta fix-xahar *free talk time* b'xejn, illi pero' r-rikorrenti kellu jgħaddi minn proċedura sabiex ikun jista' jkun intitolat għal dan l-użu b'xejn ta' dan is-servizz. Ir-rikorrenti ma kienx jaf jibgħat sms u ma kienx għamel użu minn dan is-servizz.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi r-rikorrenti kien jaf x'kellu jagħmel sabiex jattiva u jibda dan is-servizz, pero' huwa dan qatt m'għamlu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, u ra wkoll id-dokumenti ppreżentati, jidher illi din kienet ftit ikkumplikata. Min-naħa l-oħra, r-rikorrenti seta' faċilment imur għand waħda mill-uffiċini tal-Go p.l.c. sabiex ikun jista' jattiva s-servizz, pero' l-istess rikorrenti jgħid li mar.

Għaldaqstant it-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti għalkemm forsi żbalja pero' xorta kien intitolat għal dan is-servizz.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija w ħamsin ewro (€150) lir-rikorrenti talli ma setax juża dan is-servizz, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**